MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 585/2000/1

**Philomena Ellul**

**vs**

**Charles Ellul, f'ismu proprio kif ukoll ghan-nom u fl-interess tas-socjeta` C.E.F. (Trading) Company Limited; u**
**Eric Brimmer ghal kull interess illi jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

**I – <u>Preliminari</u>**

1. F'din il-kawza r-rikorrenti qieghda titlob li l-Qorti tapplika l-artikolu 402 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji fuq allegazzjoni li proposta mill-intimat biex ir-rikorrenti titnehha minn direttur kienet oppressiva jew b'mod mhux gust diskriminatorja jew ta' pregudizzju ghar-rikorrenti bhala membru tal-kumpannija "C.E.F. (Tradings) company Limited". Il-Qorti sejra tirriproduci d-decizjoni tal-Onorabbli Prim Awla tal- Qorti Civili moghtija fil-5 ta' Ottubru 2001 billi din fiha hemm migjuba t-talbiet tar-rikorrenti, ir-risposta tal-intimat, riassunt tal-provi l-aktar saljenti li ressqu l-kontendenti, kif ukoll id-decizjoni tal-ewwel Qorti, li biha cahdet it-talbiet tar-rikorrenti, bil-motivazzjoni relattiva. Id-decizjoni tghid hekk:-

"Rat ir-rikors ta' Philomena EIluI illi permezz tieghu hija ppremettiet illi hija direttrici tas-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited, f'liema socjeta` hija wkoll azzjonista kwantu ghal 880 sehem ordinarju ta' Lm1 il--wiehed (minn total ta' 2,000 iI-sehem ordinarju ta' Lm1 iI-wiehed), filwaqt illi l-intimat zewgha Charles EIluI huwa d-direttur I-iehor tal-istess socjeta` u jokkupa I-kariga ta' Managing Director, f'liema socjeta` huwa azzjonista kwantu ghar-rimanenti 1120 ishma ordinarji salv ghal sehem wiehed intestat a favur tal-intimat Eric Brimmer (Dokument "A")

Illi s-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited giet kostitwita bejn iI-partijiet konjugi Ellul fit-30 ta' April 1980 (Dokument "B") u fil-kors taz-zwieg taghhom, u ghalhekk l-ishma fl-istess socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited jappartjenu kollha kemm huma liIl-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet konjugi EIlul;

Illi s-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited kienet debitament irregolarizzat ruhha mad-disposizzjonijiet tal-Att tal-1995 Dwar Il-Kumpanniji (Dokument "61") u ghaldaqstant l-istess socjeta` hija regolata bid-disposizzjonijiet tal-istess Iigi governattiva;

Illi hemm disgwid matrimonjali bejn iI-partijiet konjugi EIlul, tant Ii gew recentement istitwiti proceduri ghal separazzjoni personali bejn l-istess partijiet konjugi

Ellul, liema proceduri ghadhom pendenti quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti;

Illi l-proceduri legali fuq riferiti ghal separazzjoni personali bejn il-partijiet konjugi Ellul jinkludu wkoll talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn l-istess partijiet konjugi Ellul, u difatti fit-13 ta' Marzu, 2000 ir-rikorrenti gia` talbet ghal u debitament ottjeniet fil-konfront tal-intimat zewgha Charles Ellul Mandat ta' Inibizzjoni f'kaz ta' separazzjoni personali li jinibixxi s--socjeta` intimata skond il-ligi - Mandat Numru 270/00 - (Dokument "C").

Illi apparti milli huwa l-azzjonista maggoritarju fis-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited, skond kif fuq indikat, l-intimat Charles Ellul bhala okkupanti l-kariga ta' Managing Director igawdi poteri kwazi assoluti ai termini talistatut tal-istess socjeta` u per ezempju skond il-Klawsola 7 tal-Memorandum of Association ir-rappresentanza tal-istess socjeta`, sew dik legali kif ukoll dik gudizzjarja tinsab vestita go fih;

Illi t-tmexxija tas-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited ma hijiex qieghda ssir kif suppost, tant illi ma huma qeghdin isiru l-ebda laqghat la tad-diretturi kit lanqas tal-membri tal-istess socjeta` intimata. Kollox qieghed jitmexxa unilateralment mill-intimat Charles Ellul bhal li kieku l-kumpannija kienet tieghu u tieghu biss, u dana minghajr l-ebda konsultazzjoni ta' xejn mar-rikorrenti li lanqas ma hija qieghda tithalla taccedi fl-ufficju registrat tal-istess socjeta` u qieghed jigi lilha negat u michud kull access ghar-*records* kif ukoll kull informazzjoni ohra fir-rigward tat-tmexxija tal-istess socjeta`;

Illi recentement hafna, ir-rikorrenti intebhet b'xi korrispondenza illi l-Awditur tas-socjeta` intimata Victor Camilleri kien indirizza lir-Registratur tas-Socjetajiet senjatament fil-15 ta' Novembru, 1999 (Dokument "D") in konnessjoni mal-Accounts tas-socjeta` intimata ghas-sena finanzjarja 1998;

Illi minkejja illi l-*Accounts* in kwistjoni ma kienux gew approvati mir-rikorrenti fil-kwalita' taghha bhala direttrici tas-socjeta` intimata, wisq anqas ma kienu gew approvati mill-azzjonista tal-istess socjeta` intimata fil-laqgha annwali generali mehtiega li ssir skond il-ligi, ir-rikorrenti intebhet illi l'*Abridged Accounts* tal-istess socjeta` gew iffirmati biss mill-intimat Charles Ellul u illi l-istess *Accounts* gew hekk registrati mar-Registratur tas-Socjetajiet (Dokument "E");

Illi fis-6 ta' Marzu, 2000 r-rikorrenti kienet debitament kitbet lill-imsemmi Awditur Victor Camilleri, tramite l-konsulent legali taghha Dr. Lorraine Schembri Orland, sabiex tipprotesta ruhha fir-rigward tal-korrispondenza tieghu mar-Registratur tas-Socjetajiet fuq riferita, kif ukoll sabiex titlob rendikont shih firrigward tal-*Accounts* fi zmien gimgha (Dokument "F");

Illi minflok ma r-rikorrenti inghatat dak illi hija fil-vesti taghha ta' direttur kif ukoll ta' azzjonista intitolata ghalih skond il-ligi, hija sabet ruhha rinfaccjata b'Avviz mahrug mill-Avukat Dottor Henry Antoncich ghan-nom tas-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited (Dokument "G") fl-20 ta' Marzu, 2000 li permezz tieghu hija giet intimata b'laqgha generali tal-azzjonisti tal-istess socjeta` illi ghandha tinzamm nhar it-Tnejn, 10 ta' April, 2000 fis-7.00 p.m. fl-istess ufficju tal-imsemmi Avukat Antoncich fin-numru 11/5 Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta, bl-iskop li tigi approvata Rizoluzzjoni ghat-tnehhija mill-karigu tar-rikorrenti bhala Direttrici tal-istess socjeta` b'effett immedjat kif ukoll sabiex jigi emendat l-Istatut tal-istess socjeta` (liema emendi proposti pero' ma gewx zvelati ghalkemm ir-rikorrenti bhala membru tas-socjeta` kellha kull dritt li tingharraf b'dan);

Illi ghalkemm l-emendi proposti li jsiru fl-istatut tas-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited ma gewx svelati lir-rikorrenti skond kif fuq premess, fil-kuntest tal-affarijiet u tenut kont tal-fatt illi l-ghan principali tal-laqgha proposta hu t-tnehhija tar-rikorrenti mill-kariga taghha ta' direttur tal-istess socjeta` u dana b'effett immedjat, wiehed ghandu jippresumi illi dawn x'aktarx illi

jikkoncernaw emendi konsegwenzjali ghal tali manuvra bhal per ezempju emenda fil-klawsola 7 tal-Memorandum of Association fir-rigward tal-komposizzjoni tal-Bord tad-Diretturi u senjatament sabiex ma jkunx aktar mehtieg il-minimu hemm stipulat ta’ zewg (2) diretturi;

Illi tali Avviz inhareg fuq ir-rekwisizzjoni bil-miktub tal-intimat Charles Ellul datat 15 ta’ Marzu, 2000 (Dokument “H”);

Illi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz skond kik fuq esposti, l-iskop kollu tal-intimat Charles Ellul fir-rekwisizzjoni tal-laqgha generali tal-membri tas-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited bl-agenda indikat skond kit fuq premess huwa car u manifest, u dana huwa proprju sabiex huwa jkun jista’ minghalih jehles ghal kollox mir-rikorrenti martu bhala direttrici tal-istess socjeta` sabiex b’hekk tkun tista’ tghaddi tieghu biss minghajr il-htiega illi jaghtiha xi rendikont fir-rigward tal-azzjonijiet tieghu fit-tmexxija tal-affarijiet tas-socjeta` jew almenu sabiex huwa jkun jista’ jaghtiha rendikont mil-anqas possibbli;

Illi r-Rizoluzzjoni proposta mill-intimat Charles Ellul hija ta’ natura ghal koilox oppressiva u b’mod mhux gust diskriminatorja kontra l-interessi tar-rikorrenti bhala membru tal-kumpanija intimata C.E.F. (Trading) Company Limited, u f’kaz illi kellha tigi adottata tali Rizoluzzjoni proposta mill-istess intimat Charles Ellul, id-drittijiet tar-rikorrenti bhala azzjonista minoritarja izda bhala li ghandha wkoll interess patrimonjali fir-rigward ta’ sehem ugwali indiviz tal-interita` tal-azzjonijiet fis-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited bhala appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejnha u bejn l-intimat zewgha Charles Ellul sejrin jigu serjament pregjudikati u dana b’mod li jkun ghal kollox ingust;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbet illi dina l-Qorti joghgobha taghmel ordni urgenti ai termini tal-Artikolu 402 tal-Att ta’ l-l995 dwar il-Kumpaniji sabiex

(i) tipprojbixxi l-ghemil tar-Rizoluzzjoni proposta li tigi adottata fil-laqgha tal-membri tas-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited li giet avzata li ghandha ssir nhar it-Tnejn, 10 ta' April, 2000 fis-7.00 p.m. permezz tal-Avviz datat 20 ta' Marzu, 2000;

(ii) tehtieg lill-kumpanija intimata sabiex tipprovdi lir-rikorrenti bir-rendikonti u bl-informazzjonijiet kollha necessarji fir-rigward tal-*Accounts* ghas-sena finanzjarja 1998 sabiex hija tkun f'posizzjoni illi tapprova o meno l-istess *Accounts*;

(iii) tehtieg lill-kumpanija intimata sabiex izzomm laqgha annwali generali tal-membri kollha taghha bil-ghan li jigu approvati l-istess Accounts taghha ghas-sena finanzjarja 1998; u

(iv) tirregola t-tmexxija ta' l-affarijiet tal-kumpanija fil-futur

U dana kollu taht dawk it-termini, il-pattijiet u kundizzjonijiet ohra illi dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni illi timponi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Bl-ispejjez.

Rat-risposta ta' Charles Ellul proprio et nomine fejn issottometta:

I. Illi kif qalet ir-rikorrenti fir-Rikors promotur taghha l-esponent proprio huwa azzjonista maggoritorju fis-Socjeta` C.E.F. (Trading) Company Limited, huwa l-Managing Director b'poteri assoluti u fil-waqt li huwa ghandu 1119 sehem ordinarji, martu r-rikorrenti ghandha 880 sehem ordinarju, u Eric Brimmer ghandu sehem wiehed biss.

dejjem giet immexxija mill-esponent wahdu minghajr l-ebda ghajnuna ta' martu r-rikorrenti li tahdem bhala insenjanti ghalkemm is-salarju taghha dejjem zammitu ghaliha minghajr sodisfazzjon ta' xejn lii zewgha.

tkompli tapprova l-*Accounts*. Konsegwentement, sabiex is-Socjeta` C.E.F. (Trading) Company Limited setghet tkun tista' tibghat l-*Annual Returns* u ma tehilx hafna multi kif imposti mill-Companies Act 1995, l-esponent bhala azzjonista maggoritorju beda jiffirma l-*Accounts* wahdu u r-Registratur tas-Socjetajiet beda jaccetthom b'firma wahda. Hekk sar ukoll ghall-*Accounts* tas-sena 1998 u anki tas-snin precedenti wara li nbeda l-inkwiet matrimonjali bejn il-konjugi Ellul li nbghatu lir-Registratur tas-Socjetajiet u li taghhom ghandha kopja l-istess rikorrenti;

ma gew prezentati u l-Kumpanija kienet tehel multi kbar ghax ir-rikorrenti rrifjutat assolutament bla raguni valida fil-ligi izda biss b'semplici inkejja li tiffirma l-"*compliance papers*". Konsegwentement ghalhekk il-"*compliance*" kif titlob il-ligi kellhom ukoll isiru mill-esponent wahdu.

rikorrenti bdiet tigi fl-ufficju tal-kumpanija, 30 Spencer Hill, Marsa, minn fejn l-istess Socjeta` tbiegh il-prodotti taghha, u bdiet anki tmur fuq li- *stand* tal-kumpannija t-Tradefair u hemmhekk b'hafna arroganza tidhol gewwa u tohloq hafna tenzjoni bl-atteggjament taghha aggressiv ma' l-impjegati u fil-prezenza tal-parruccani stess tal-kumpanija, u wara li tpoggi lil kulhadd fuq ix-xwiek anki lill-istess klijenti tal-kumpanija, tinfexx f'hafna kliem pastaz, baxx u oxxen.

kumpanija, li jkecci lir-rikorrenti minn Direttrici, u d-dizgwid matrimonjali bejn il-konjugi azzjonisti Ellul u l-atteggjament aggressiv tar-rikorrenti kien raguni *in piu*` il-ghaliex ir-rikorrenti ma kelliex tibqa' aktar Direttur.

7. Illi meta kienet giet formata l-Kumpannija kien hemm l-istess kundizzjonijiet li ghad hemm illum u li kienet ben konxji minnhom ir-rikorrenti fosthom li d-Direttur jista' jigi mnehhi skond l-Artikolu 140 tal-Companies Act u li jiddisponi illi:

(1) Kumpanija tista’ tnehhi Direttur qabel ma jghaddi z-zmien tal-kariga tieghu b’rizoluzzjoni li tittiehed f’laqgha generali tal-kumpanija u mghoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu ghaliha u jivvotaw, li limkien ikollhom mhux inqas minn hamsin fil-mija tal-valur nominali ta’ l-azzjonijiet rapprezentanti u li jaghtu l-jedd ghal vot fil-laqgha.

(2) Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta’ dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull haga ii tinsab fIl-*memorandum* jew fl-istatut tal-kumpanija jew f’xi ftehim bejnha u d-direttur”

8. Illi mhux ezattament car x’inhi tghid ir-rikorrenti fir-Rikors taghha. Jigifieri hi qieghda tghid li l-Kumpannija C.E.F. (Trading) Company Limited ma tistax tnehhi Direttur mill-kariga tieghu minkejja dak provvdut fl-Artikolu 140 tal-Companies Act fuq citat? Dan li qed tghid ir-rikorrenti?

9. Illi r-nkorrenti tispicca thallat id-drittijiet taghha bhala Direttur mad-drittijiet taghha qua azzjonista, u fil-fatt hija qeghdha titlob ordni ai termini ta’ l-Artikolu 402 ta’ l-Att 1995 dwar il-Kumpaniji u fost affarijiet ohra qed titlob li ma titnehhiex minn Direttur meta l-istess Artikolu 402 jirreferi biss ghall-Harsien ta’ azzjonisti kontra pregudizzju mhux gust. Konsegwentement, l-ewwel talba tar-rikorrenti hija rrita u nulla ghax tohrog kompletament mill-ambitu ta’ l-imsemmi Artikolu 402 li fuqu hija qed tibbaza r-Rikors taghha.

10. Illi huwa ukoll hafna pertinenti li jinghad li l-Kumpanija C.E.F. (Trading) Company Limited tinsab immexxija abbilment mid-Direttur Charles Ellul u minn dejjem ghamlet profitt u lanqas taf x’jigifieri telf lanqas fi zmienijiet difflcli ta’ dan l-ahhar meta hafna kumpaniji jinsabu gharkubtejhom. Hekk il-profitti attwali tal-Kumpannija C.E.F. (Trading) Company Limited bejn is-sena 1993 u s-sena 1998 (31/12/1998) kienu ta’ Lm69,000 gross f’perjodu ta’ sitt (6) snin, u dana qabel ma wiehed inaqqas is-salarji tad-Direttur Charles EliuI

ammontanti ghal-Lm28,000 u t-taxxa ammontanti ghall-Lm41,000 ghas-sitt snin imsemmija. L-amministrazzjoni tal-kumpanija ma tistax tigi ghalhekk mxekkla dment li ma jkunx hemm amministrazzjoni hazina, u dan zgur ii ma hemmx kif il-figuri juru ben tajjeb.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw;

**TALBA**

Ir-rikorrenti talbet a tenur ta' l-artikolu 402 tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpaniji li dina l-Qorti:

1. tipprojbixxi l-ghemil tar-Risoluzzjoni proposta li tigi adottata fil-laqgha tal-membri tas-socjeta` intimata C.E.F. (Trading) Company Limited li giet avzata li ghandha ssir nhar it-Tnejn 10 ta' April, 2000 fis-7.00 p.m. permezz ta' avviz datat 20 ta' Marzu, 2000;

2. tehtieg lill kumpanija intimata sabiex tipprovdi lir-rikorrenti bir-rendikonti u bl-informazzjonijiet kollha necessarji fir-rigward tal-*accounts* ghas-sena finanzjarja 1998 sabiex hija tkun f'posizzjoni illi tapprova *o meno* l-istess *accounts*;

3. tehtieg lill-kumpanija intimata sabiex izzomm laqgha annwali generali tal-membri kollha taghha bil-ghan li jigu approvati l-istess *accounts* taghha ghas-sena finanzjarja 1998; u

4. tirregola t-tmexxija ta' l-affarijiet tal-kumpanija fil-futur.

**RISPOSTA**

L-intimat Charles Ellul  irrisponda li huwa azzjonista maggoritarju u Managing Director u skond l-artikolu 140

tal-Company Act 1995 ghandu dritt li jitlob li jitnehha direttur.

## PROVI

**Ir-rikorrenti** qed tilmenta li t-tmexxija tal-kumpanija intimata C.E.F. Company Limited m'hiex qed issir kif suppost tant li mhux qed isiru laqghat tad-diretturi u kollox qed jitmexxa unilateralment mill-intimat Charles Ellul bhal li kieku l-kumpanija kienet tieghu biss minghajr konsultazzjoni mar-rikorrenti li qieghed jigi negat lilha access ghar-*records* u kull informazzjoni ohra dwar it-tmexxija tal-kumpanija. Fl-20 ta' Marzu, 2000 hija giet intimata b'laqgha generali tal-azzjonisti li kellha ssir fl-10 ta' April, 2000 bl-iskop li tigi approvata risoluzzjoni ghat-tnehhija mill-inkarigu tar-rikorrenti bhala Direttrici b'effett immedjat kif ukoll biex jigi emendat l-istatut tas-socjeta`. Din ir-risoluzzjoni hija ta' natura ghal kollox oppressiva u b'mod mhux gust diskriminatorja kontra l-interessi tar-rikorrenti bhala membru tal-kumpanija. Ghalkemm ir-rikorrenti hi azzjonista minoritarja hi ghandha interessi patrimonjali fir-rigward ta' sehem ugwali indiviz ta' l-interita` tal-azzjonijiet tas-socjeta` intimata appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u l-intimat.

**L-intimat** qed isostni li hu Managing Director tal-kumpanija u azzjonist maggoritarju u r-rikorrenti kienet taf bil-poteri li kien se jkollu meta giet iffurmata l-kumpanija fil-bidunett. Hu qal li ma jridx icahhad lir-rikorrenti mid-drittijiet taghha la *qua* azzjonista fil-kumpanija u lanqas bhala kompartecipi mieghu fil-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnithom. Il-kumpanija giet iffurmata matul iz-zwieg u l-ishma taghha jiffurmaw parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti. Dawn ser jinqasmu fil-proceduri ta' separazzjoni li hemm pendenti bejnithom. L-unika oggezzjoni li ghandu hi li martu tibqa' direttrici tal-kumpanija ghax l-inkwiet matrimonjali bejniethom qed jeffettwa l-operazzjoni ta' l-istess kumpanija.

## KONSIDERAZZJONIJIET

L-artikolu 140 ta' l-Att dwar il-Kumpaniji, fis-subartikolu (1) ighid hekk;

"Kumpanija tista' tnehhi direttur qabel ma jghaddi z-zmien tal-kariga tieghu b'rizoluzzjoni li titiehed f'laqgha generali tal-kumpanija u mghoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu ghaliha u jivvotaw, li flimkien ikollhom mhux inqas minn hamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet rapprezentanti u li jaghtu l-jedd ghal vot fil-laqgha".

Il-ligi taghti d-dritt lil min ghandu l-maggoranza ta' l-ishma li jnehhi direttur. L-artikolu 140 ma jirrikjediex li jkun hemm raguni valida ghat-tnehhija ta' Direttur. Inoltre dan id-dritt hu imsahhah minn dak li hemm provvdut fis-sub-artikolu 2 ta' l-istess artikolu li *d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ghandhom japplikaw minkejja kull haga li tinsab fil-memorandum jew l-istatut tal-kumpanija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur.*

Fil-kaz in ezami  pero' l-Artikolu 20 (fol. 14) tal-Memorandum of Association tal-kumpanija intimata jistipula li "*The first directors of the Company shall serve without retirement until death or until they shall retire or be removed in accordance with section 140 of the Companies Act 1995.*"  Il-partijiet kienu ghalhekk ipprovvdew ghall eventwalita' ta' tnehhija ta' direttur skond l-artikolu 140.

L-azzjoni tar-rikorrenti hi bazata fuq l-artikolu 402 dwar il-Kumpaniji. Din hi azzjoni minn azzjonista kontra azzjonista iehor dwar allegati atti jew ommissjoni tal-kumpanija li jkunu jew x'aktarx ser ikunu oppressivi b'mod mhux gust, diskriminatorju kontra jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'xi mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.

Din l-azzjoni tipprevedi li l-azzjonijiet iridu jkunu oppressivi, ingusti u diskriminatorji. Ma jistax jinghad pero' li azzjoni  bhal tnehhija ta' direttur li tinsab accettata u

rikonoxxuta mill-ligi taht l-artikolu 140 tal-1995 tista' tkun oppressiva, ingusta u diskriminatorja.

Il-protezzjoni li jaghti l-artikolu 402 hi dik lill azzjonisti ta' socjeta` jipprotegu id-drittijiet taghhom fejn huma ma jkollhomx kontroll u minhabba f'hekk ikunu soggetti ghar-rieda ta' dawk li ghandhom ishma aktar. Din il-protezzjoni tapplika ghall- azzjonista kemm jekk rapprezentat permezz ta' direttur u kemm jekk le. In-nuqqas ta' rappresentanza fit-tmexxija ta' kumpanija ma hux fih innifsu att opprimenti, ingust jew diskriminatorju ghax kieku hafna kumpaniji huma hekk. Li wiehed ikollu ishma f'kumpanija ma jaghtihx dritt assolut li jkollu rappresentanza fil-kumpanija. Il-protezzjoni gudizzjarja taht l-artikolu 402 ta' l-azzjonista minoritarju hi li dawk l-atti kommessi minn min jikkontrolla l-ishma maggoritarji ma jaghmlux atti opprimenti, ingusti u diskrimintarji. Kif gja' inghad it-tnehhija ta' direttur hi azzjoni prevvista u accettata mill-ligi, li ma tnaqqasx id-dritt ta' azzjonista minoritarju milli jikkontrolla l-operat ta' azzjonista' maggoritarju. It-tnehhija ta' direttur ma tistax tigi konsidrata bhala li tippregudika l-interess tal-azzjonista minoritarju billi d-drittijiet tieghu jibqghu impregudikati.

Ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'. Billi t-talbiet l-ohra huma konsegwenza ta' l-ewwel talba, dawn ukoll qed jigu michuda u r-rikorrenti ghandha l-mezzi skond l-Att tal-1995 biex l-interessi taghha jigu mharsa u t-talbiet taghha milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha".

**II. <u>L-APPELL</u>**

3. Philomena Ellul "L-appellanti" hasset li giet aggrevata b'dina d-decizjoni. Appellat minnha quddiem din il-Qorti, b'talba li hija tirrevoka d-decizjoni appellata, u minflok – ghar-ragunijiet esposti minnha – tastjeni li tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba stante li l-meritu

taghhom gie ezawrit fil-mori tal-gudizzju – u tilqa' l-ewwel talba taghha, kif ukoll ir-raba' talba u tipprovdi fir-rigward ta' din it-talba skond kif fid-diskrezzjoni u l-gudizzju taghha jkun xieraq w opportun.

4. L-intimat Charels Ellul, proprio et nomine, ("l-appellat") irrisponda ghall-aggravji mressqa mill-appellanti u talab li dina l-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma d-decizjoni appellata.

**III. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

5. Qabel xejn, dina l-Qorti sejra tissenjala is-segwenti fatti li necessarjament sejrin jaffettwaw l-ezitu ta' dan il-gudizzju.

(a) Li l-appellanti kienet irrinunzjat ghall-kawza fil-konfront tal-konvenut Eric Brimmer, li gie mharrek ghal kull interess li jista' jkollu, kif jirrizulta mill-verbal tat-12 ta' Gunju 2000 a fol. 41 tal-process. Ma hemm l-ebda acenn fis-sentenza appellata ghal dan il-fatt.

(b) Li l-appellanti stqarret li ma tehtieg ebda provvediment dwar it-tieni u t-tielet talba taghha stante li fir-rikors ta' appell taghha iddikjarat li l-ewwel Qorti,
"kien imissha astjeniet ruhha milli tiehu aktar konjizzjoni tat-tieni kif ukoll tat-tielet talba tar-rikorrenti stante ezitu ezawrit fil-mori tas-smiegh tar-rikors"

Fl-atti tal-process imkien ma hemm registrat li l-appellanti kienet talbet lill-ewwel Qorti biex ma tippronunzjax ruhha dwar dawn iz-zewg talbiet. Din it-talba saret bil-miktub l-ewwel darba ezattament lil din il-Qorti fir-rikors tal-appell. Naturalment, din il-Qorti sejra tastjeni milli tiehu konsiderazzjoni tat-tieni u tielet talba tal-appellanti, billi hija iddikjarat li ma ghadx ghandha interess f'dawn iz-zewg talbiet peress li l-intimat ikkonforma ruhu ma dak kollu li gie mitlub a sodisfazzjoni taghha (ara fol. 102).

(c) Li l-ewwel talba tal-appellanti kienet giet milqugha mill-ewwel Qorti minghajr ebda riserva (izda qabel ma semghet lill-appellat) b'digriet moghti fid-29 ta' Marzu 2000 (ara fol. 34).

Fid-decizjoni tal-5 ta' Ottubru 2001 l-ewwel Qorti, fl-ebda hin, ma accennat ghal dan id-digriet li donnu li gie ghal kollox injorat minnha. Dik il-Qorti kkonkludiet li kellha tichad l-ewwel talba tal-appellanti. Issa, din il-Qorti jidhrilha li l-meritu ta' l-ewwel talba kif proposta illum jinsab ezawrit. Dana billi din it-talba specifika hija marbuta ma' data li diga ghaddiet u allura m'ghadux possibbli li tghaddi r-rizoluzzjoni proposta li tigi adottata fil-laqgha tal-membri li kienet avzata li kellha ssir fl-10 ta' April 2000. Isegwi li l-meritu ta' l-ewwel talba llum ukoll jinsab ezawrit.

6. Ghalhekk jibqa' li tigi konsiderata ir-raba' talba fir-rikors promotur tal-appellanti li biha qeghda titlob, fid-dawl ta' dak li ppremettiet fl-istess rikors, li dina l-Qorti tirregola t-tmexxija ta' l-affarijiet tal-kumpannija fil-futur.

7. L-azzjoni tal-appellanti hija bazata fuq id-dispozizzjoni kontenuta fl-artiklu 402 tal-Att Nru XXV tal-1995, li fost provedimenti ohra jghid hekk:
"Kull membru ta' kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b'mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x'aktarx se jkunu, oppressivi b'mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b'mod mhux gust ta' pregudizzju, ghal membru jew membri jew b'mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista' jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu".

8. L-Onorabbli Prim Awla fil-Qorti Civili ikkumentat hekk fuq dan l-artikolu fil-kawza fl-ismijiet "Vincent Monreal et – vs – Lino Delia nomine" deciza fit-13 ta' Mejju 1999:
"Dawn il-provedimenti huma ta' salvagwardja u ta' protezzjoni ghall-azzjonisti ta' socjeta` kummercjali, b'mod partikolari ghal dawk li huma minoritarji. Ir-rimedji li johorgu minn dawn il-provedimenti huma mghotija lill kull azzjonist ta' socjeta` kummercjali. Kull azzjonist, anke jekk hu minoritarju, ta' socjeta` kummercjali, anke jekk hi pubblika, jista' jitlob li jinghataw l-ordnijiet kollha necessarji u opportuni, f'kaz li jirnexxielu jipprova illi

minhabba l-gestjoni tal-istess socjeta` huwa qed isofri jew ukoll jista' jsofri xi pregudizzju ta' natura oppressiva, ingusta jew diskriminatorja. Tali gestjoni tista' tirreferi semplicement ghal xi att specifiku jew xi ommissjoni tal-kumpanija. Il-pregudizzju jista' jirreferi ghall-azzjonist li qed jippromuovi l-proceduri, ghal xi azzjonist iehor jew ghall-interessi in generali tal-azzjonisti;

In vista ta' dan kollu jista' jinghad li hu bizzejjed li l-azzjonista jipprova li huwa qed isofri jew eventwalment jista' jsofri xi pregudizzju minhabba xi agir tas-socjeta` li taghha huwa jippossjedi xi ishma. Ma hemmx ghalfejn li huwa jipprova li huwa zgur li ser isofri xi pregudizzju fil-futur. Tali prova tista' ssir fuq bazi ragjonevoli ta' probabbilita`;

Inoltre, skond dak li hemm provdut fis-sub-artikolu (3) tal-istess artikolu 402, il-Qorti tista' tipprocedi biex taghmel kull ordni necessarja u opportuna skond dawn il-provedimenti, jekk jirrizulta li l-ilment tal-azzjonista hu sewwa bbazat u jekk il-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li tghamel hekk;"

9. Fil-Ligi Ingliza (ara Art 459 tal-<u>Companies Act, 1985</u>) jinstab rimedju simili li hu maghruf bhala "The Unfair Prejudice Remedy". Il-Qorti ta' l-Appell Ingliza stabbilit fil-kaz "<u>in Re Saul D. Harrison & Sons plc</u> ([1995]) 1BCLC 14)" il-linji ta' gwida dwar kif kellu jkun l-operat biex ikun jista' jigi kkwalifikat bhala, "*unfairly prejudicial*" (fit-test tal-Ligi Maltija din il-frazi hi tradotta "b'mod mhux gust ta' pregudizzju"). Wiehed kellu, fl-ewwel lok, jara jekk dak l-operat kienx jew le skond l-istatut tal-kumpannija. Izda fl-applikazzjoni tal-imsemmija dispozizzjoni – ispirata fuq principji ta' ekwita` aktar milli minn drittijiet strettament legali – il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni l-aspettativi legittimi ("legitimate expectations") li r-rikorrent jista' jkollu u li sikwiet ikunu ferm aktar wiesgha mid-drittijiet strettament legali li johorgu mill-istatut tas-socjeta`. Dawn l-aspettativi legittimi jitwieldu minn xi relazzjonijiet personali partikolari bejn l-azzjonisti. Fil-kaz <u>Ebrahimi vs Westbourne Galleries Ltd.</u> ([1973] AC 360) Lord Wilberforce elenka numru ta' sitwazzjoijiet fejn dan ir-

rimedju jista' jinghata (ara ibid proprio 379), sitwazzjonijiet dawn li x'aktarx jinstabu f' kumpaniji zghar privati li ta' sikwiet jissejjhu "quasi partnerships", fosthom is-segwenti:-

(i) an association formed or continued on the basis of a personal relationship, involving mutual confidence – this element will often be found where a pre-existing partnership has been converted into a limited company;

(ii) *an agreement, or understanding, that all, or some (for there may be "sleeping members") of the shareholders shall participate in the conduct of the business;*

(iii) *restriction upon the transfer of the members' interest in the company – so that if confidence is lost, or one member is removed from management, he cannot take out his stake and go elsewhere".*

10. Ikun utili li tigi reprodotta hawn silta mill-ktieb "Ferrar's Company Law 3rd Edition P.464 fejn dan il-kuncett hu spjegat b'mod car hafna u fejn l-applikazzjoni tad-dispozizzjoni relattiva hija maghmula kemm fil-konfront ta' dawn is-socjetajiet zghar privati (jew quasi partnerships) u kemm ukoll fil-konfront tas-socjetajiet akbar privati jew pubblici:

*"The position will vary greatly from the small private companies, commonly called quasi-partnerships, to public companies of considerable size. As a quasi-partnership, the company will usually have been formed or continued on the basis of a personal relationship invoving mutual confidence. There may be an agreement or understanding that all or some of the shareholders are to participate in the conduct of the business. Restrictions on the transfer of shares will be the rule rather than the exception. The individuals involved may also have made relatively substantial capital contributions to the company. Shareholders in such companies will be a small close-knit group, actively involved in many instances in the day-to-day operations and financially and personally committed to the company. Here the scope for legitimate expectations beyond their strict legal rights is obviously greatest.*

*However, as Lord Wilberforce stressed in Ebrahimi v Westbourne Galleries Ltd, the case for giving effect to equitable considerations must be made in each instance and it is not sufficient simply to assert that the company is small or private, for in many cases the basis of the relationship will be adequately and exhaustively laid down in the articles. If it is so defined by the articles or, for example, by the articles supplemented by a shareholders' agreement, then there is little room for finding further legitimate expectations beyond those outlined in the documents.*

*The interests of shareholders in larger private and public companies, on the other hand, are likely to be quite different from those of shareholders in quasi-partnerships and considerably more restricted. In these larger companies there is usually no underlying personal relationship, employment is rarely an issue and the shareholders are more interested in such matters as dividend yield and capital appreciation than involvement in the day-to-day running of the company. If they become dissatisfied, especially if it is a public company, they can sell their shares and withdraw from the company. Here the members rarely have expectations beyond their strict legal rights as provided by the articles.*

*That is not to say that s.459 does not apply to larger private companies and public companies for the section is clearly not limited to quasi-partnerships. The point is that it may be harder to establish conduct which is unfairly prejudicial to the interests of the members in such companies".*

11. Fil-kaz odjern insibu li s-socjeta` C.E.P. (Trading) Company Limited twaqqfet bejn zewg konjugi bir-ragel ikollu 56% bl-ishma waqt li l-mara, cjoe` l-appellanti ikollha 44% tal-azzjonijiet. It-tnejn kien mahsub li jiehdu sehem fil-gestjoni tas-socjeta`, tant li l-appellanti mill-bidu nett kellha l-kariga ta' Direttur waqt li l-appellat kien il-'Managing Director'. Is-socjeta` twaqqfet fi zmien meta ir-relazzjonijiet matrimonjali kienu fuq bazi soda, tant li l-

appellanti kkontribwiet somma konsiderevoli parafernali ghall-formazzjoni tas-socjeta` u ghalhekk il-membri tas-socjeta` kellhom fiducja shiha f'xulxin. Stante li s-socjeta` twaqqfet matul iz-zwieg kien ovvju li l-kontendenti kellhom interess indaqs fl-istess socjeta`. Bhala linja generali, l-appellat kien jiehu hsieb "id-day-to-day running" tan-negozju tal-kumpanija. L-appellanti jidher li ddedikat ruhha ghall-bzonnijiet tal-familja. Naturalment bhala konjugi il-partijiet kienu jitkellmu fuq in-negozju taghhom u wiehed ghandu jahseb li l-appellanti kienet tkun informata u kienet tippartecipa fit-tehid ta' kull decizjoni importanti dwar is-socjeta`. L-istatut tas-socjeta` huwa wiehed qasir u kwazi stereotipat u ma fihx xi kondizzjonijiet <u>specjali</u> li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti.

12. Fil-fehma tal-Qorti, din is-socjeta` tikkwalifika bhala "quasi partnership" fejn hija haga xierqa u gusta li jigi rikonoxxut li l-appellanti kellha interessi u aspettativi legittimi li jmorru oltre u 'l hinn mis-sinifikat tal-"memorandum and articles" tas-socjeta` in kwistjoni. Certament wahda mill-aspettativi tar-rikorrenti hija li ma tigix imcahhda minn partecipazzjoni fit-tmexxija tas-socjeta` sempliciment ghaliex il-fiducja reciproka spiccat minhabba d-disgwid matrimonjali u r-relattivi proceduri gudizzjarji ta' separazzjoni personali li hemm pendenti bejn il-konjugi Ellul.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta l-ewwel Qorti iddecidiet li tichad it-talbiet tal-appellanti, bazati kif kienu fuq l-artikolu 402, billi kien hemm l-ostakolu tal-kontenut tal-artikolu 140, bir-rispett kollu jidher li waslet ghal konkluzjoni skorretta. L-ewwel Qorti ikkumentat li la darba l-azzjoni ghat-tnehhija ta' direttur kienet prevista mill-istatut u hija rikonoxxuta mill-artikolu 140, allura tali tnehhija qatt ma setghet tkun oppressiva, ingusta u diskriminatorja.

14. Kif diga gie spjegat aktar qabel l-artikolu 402 hu ispirat mhux minn koncetti legalistici izda minn principji ta' ekwita` u gustizzji li jirrikonoxxu l-interessi u l-aspettativi legittimi li mmorru oltre mill-kelma tal-istatut tas-socjeta` jew addirettura tal-ligi stess.

15. Konsegwentement fil-kaz odjern hemm lok ghall-applikazzjoni tal-Art. 402 fil-konfront tad-decizjoni li l-appellat ha li jelimina lill-martu minn Direttur. Decizjoni din li tkun evidentement “unfairly pregudicial” fil-konfront tal-appellanti li ghandha dritt, bis-sahha tal-aspettattivi legittimi taghha, li fis-sitwazzjoni matrimonjali li tinstab bhalissa fiha, tissalvagwardja l-interessi taghha u mhux tkun kostretta li thalli l-gestjoni tal-interessi taghha fis-socjeta` jkunu determinati kwazi unikament minn zewgha.

16. F’dan il-kontest wiehed irid jenfasizza li hemm konflitt fil-provi dwar l-allegazzjonijiet li ghamel l-appellat fil-konfront ta’ martu u li jinsabu elenkati fil-paragrafu 3 tar-risposta tal-appell tieghu. Certament, li kieku dak kollu li allega l-appellat gie debitament provat, allura forsi kien ikun il-kaz li wiehed jiddeciedi xort’ ohra, ghax id-doveri ta’ direttur huma dawk li huma, u min jabbuza mill-poeri tieghu jirriskja s-sanzjonijiet previsti mill-ligi.

17. Il-Qorti ghandha poteri deskrezzjonali vasti hafna ghal dak li jirrigwardja r-rimedji li tista’ tipprovdi meta tara li ghandha taghti harsien lill-azzjonist kontra pregudizzju mhux gust. L-appellanti ghazlet li titlob fir-raba’ talba taghha li din il-Qorti taghmel ordni biex tirregola t-tmexxija fl-affarijiet tal-kumpannija fil-futur skond ma jghid is-subartikolu(3)(a) tal-artikolu 402. Ma specifikatx ezattament x’tip ta’ ordni riedet hlief li talbet li l-awditur, is-Sur Victor Camilleri, jitnehha mill-kariga attwali tieghu u li jigi sostitwit b’awditur iehor li jigi nominat mill-Qorti.

18. Din il-Qorti, pero’ taqbel mal-appellat li, almenu f’dana l-istadju, ma tarax li hemm lok ghal tali provvediment, ghalkemm tara beneficcji jekk l-awditur ikun igawdi l-fiducji taz-zewg partijiet. Dana qed jinghad ghaliex l-appellanti approvat il-kontijiet mghamula mill-istess awditur ghas-sena 1998 – kontijiet li saru, kif qalet hi stess (ara fol. 102), “a piena sodisfazzjon taghha”.

19. Din il-Qorti hija tal-fehma li d-decizjoni principali li hadet il-Qorti f’din is-sentenza tforni gwida bazika ghat-tmexxija tal-affarijiet tal-kumpannija fil-futur. Certament

ma thossx li ghandha taghti ordni fis-sens tas-subartikoli (3)(d) jew 3(g) tal-artikolu 402 billi l-partijiet ma trattawx dwar dawn ir-rimedji.  Pero`, la darba dik il-fiducja originali li jkun hemm bejn il-kontendenti llum ghebet, is-soluzzjoni l-aktar li tidher opportuna x'aktarx li hija li l-appellanti tbiegh bonarjament sehemha mill-kumpannija lill-appellat versu kumpens adegwat u gust.

20.   Ghal dawn il-motivi, tilqa` l-appell, tirrevoka d-decizjoni appellata u tastjeni milli tipprovdi dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba ghar-ragunijiet spjegati fil-korp ta' din is-sentenza u tilqa` ir-raba' talba fis-sens kif spjegat aktar qabel.

Fl-ahharnett tastjeni milli tqis it-talbiet tal-appellanti fil-konfront tal-konvenut Eric Brimmer ghar-raguni spjegata fil-paragrafu 5(a) ta' din is-sentenza.

Minhabba id-diffikulta` u n-novita` tal-kaz il-Qorti jidhrilha li tkun haga gusta li jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez.  Ghalhekk tordna li l-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

-------------------------------TMIEM-------------------------------